*imma qajla ħasbu biex jagħmlu ħila lin-nies tal-arti u tal-koltura. Din forsi kienet waħda mir-raġunijiet li pajjiżna baqa' nieqes minn dik li hi arti u kultura nazzjonali. Żmien ilu l-Gvern kien joħroġ pensjoni lil xi wħud li jkunu iddistingwew ruħhom għad-dehen tagħhom jew li jkunu wettqu opri artistiċi, imma llum dik il-pensjoni nqatgħet, u li kieku ma kinetx il-familja Muscat-Azzopardi li waqqfet il-midalja tad-deheb b'tifkira ta' missierhom, kieku f'Malta ma kien ikollna xejn biex nippremjaw lil min jistħoqqlu fil-kamp letterarju.*

*Il-midalja tfakkar il-Kavalier Ġużè Muscat-Azzopardi, Missier il-Letteratura Maltija; hi l-ogħla foħrija li tista' tingħata f'Malta għall-merti letterarji u hi ikkunsidrata, bħala l-aqwa ġieh għall-ħidma letterarja Maltija. Il-midalja hi magħrufa f'Malta u barra minn Malta u meqjusa bħala ġieh kbir.*

*Is-siwi ta' din il-midalja ma hux biss l-unur li bih issebbaħ lil min jirċiviha, iżda wkoll l-ispirazzjoni li tnissel fost il-kittieba, u l-fehma li tnissel fihom biex jimxu fit-triq li fetaħ Missier il-letteratura tagħna u l-ewwel President tal-Akkademja tal-Malti.*

---

## ŻAHAR L-IMRAR

*Ta'* PAWLU AQUILINA

Frar,
Marzu,
April u Mejju:
Xhur l-inwar,
Iż-żahar . . .
U l-isbaħ ward . . . !

Frar,
Marzu,
April u Mejju,
Għaliex taħt dlielkom
Jinbeżaq kmieni n-nwar,
Iż-żahar,
Il-ward . . . ?
Idewwed . . .
U jitħassar
U l-ħlewwa bnina tiegħu
Tiqrâs
F'imrar . . . ?!

5.6.64



## ĊERIMONJA TAL-GHOTI TAL-MIDALJA ĠUZE' MUSCAT AZZOPARDI



Fl-aħħar jum ta' l-istess xahar fit-Teatru ta' l-Università ngħatat għall-ħames darba il-Midalja Ġużè Muscat Azzopardi. Din id-darba unanimament il-Ġurija għażlet lill-Prof. Ġ. Aquilina.

Fil-11 a.m. it-Teatru kien għoddu mtela kollu. Fuq il-palk kien hemm il-Prof. Ġ. Galea Pres. ta' l-Akkademja tal-Malti, il-Prof. Feliċ Cremona, Aġent Viċi Kanċellier ta' l-Università, l-Onor. Dr. Ġ. Felice, Aġent Prim Ministru, l-Eċċ. T. Mons. Gonzi, is-sinjura Anna u żewġha Gino Muscat Azzopardi.

Malli wasal l-Aġent Gvernatur-Ġenerali Sir A. Mamo bdiet iċ-ċerimonja b'kelmtejn tas-Sur Gino Muscat Azzopardi li fisser l-iskop tal-midalja. Wara s-sinjura Anna ippreżentat il-Premju tal-Matrikola